# PARROĊĊA SANT'ANNA WIED IL-GĦAJN

**AVVIŻI** **29 TA' OTTUBRU 2017**

**Ħin tax-Xitwa**

Issa li jaqleb il-ħin tax-xitwa, ir-Rużarju jibda jingħad fil-5:30pm u l-quddiesa ta' filgħaxija mit-Tnejn sal-Ġimgħa tkun fis-6:00pm. Il-Quddies tas-Sibt u l-Ħadd jibqa' l-istess matul is-sena kollha.

**Ċentru tal-Vokazzjonijiet Djoċesani r-Rabat**

Għada/Illum il-Ħadd 29 ta' Ottubru 2017, mit-8:30am sa 12:30pm fis-Seminarju tal-Arċisqof tal-Virtù r-Rabat qed tkun organizzata *Car Wash*. Fl-10:30am ser tiġi ċċelebrata quddiesa fil-Kappella taċ-Ċentru tal-Vokazzjonijiet.

**Kunsill Pastorali Parrokkjali**

It-Tnejn 30 ta' Ottubru 2017 fis-6:30pm jiltaqa' l-Kunsill Pastorali Parrokkjali fis-Sala Sant'Anna.

**Laqgħa għall-persuni b'diżabilità u l-carers tagħhom**

It-Tnejn 30 ta' Ottubru 2017 fis-6.30pm, se tiġi organizzata laqgħa għall-persuni b'diżabilità u l-*carers* tagħhom fiċ-Ċentru Edukattiv tal-Kunsill Lokali Triq il-Kappara.

**Tberik tal-Familji**

It-Tlieta 31 ta' Ottubru 2017 fl-4:30pm inkomplu bit-tberik tal-familji fi **Triq il-Gemmugħa**.

**Solennità tal-Qaddisin Kollha**

It-Tlieta 31 ta' Ottubru 2017 flimkien mal-Appostli Franġiskani se niċċelebraw il-Festa tal-Qaddisin Kollha. Fis-7:30pm nibdew b'quddiesa fis-Sala Sant'Anna u wara *party* u logħob għat-tfal flimkien mal-familja tagħhom. **Inħeġġu lit-tfal jiġu libsin tal-Qaddis favorit tagħhom!**

L-Erbgħa 1 ta' Novembru 2017 niċċelebraw is-Solennità tal-Qaddisin Kollha. Tajjeb li nqaddsu dan il-jum bis-smigħ tal-Quddies li jkun bħal ta' fost il-ġimgħa.

**Tifkira tal-Mejtin Kollha**

Il-Ħamis 2 ta' Novembru 2017 hija t-tifkira tal-għeżież tagħna mejtin. Il-Quddies ikun kull nofs siegħa mis-6:30am sat-8:30am. Filgħaxija jkollna tas-6:00pm u fis-7:30pm tkun għall-mejtin kollha li mietu matul din is-sena.

**L-Ewwel Ġimgħa tax-Xahar**

Il-Ġimgħa 3 ta' Novembru 2017 huwa l-Ewwel Ġimgħa tax-xahar għalhekk il-quddiesa tas-6:00pm tkun b'suffraġju għall-erwieħ tas-saċerdoti mejtin u wara jkollna l-adorazzjoni quddiem Ġesù Ewkaristija.

**Ħarġa fil-Kampanja**

Il-Ħadd 5 ta' Novembru 2017 flimkien mal-Kummissjoni Familja ser norganizzaw Ħarġa fil-Kampanja għal kulħadd fl-inħawi tal-Buskett. Ser nitilqu fis-1:15pm minn quddiem is-Sala Sant'Anna, fl-4:00pm jkollna quddiesa fil-kappella tal-Palazz Verdala u fil-5:00pm nitilqu lura lejn Wied il-Għajn. Inħeġġukom li nattendu u min jixtieq jitla' magħna bit-trasport jikteb ismu fis-sagristija sa nhar il-Erbgħa 1 ta' Novembru 2017.

**Assemblea Parrokkjali 2017**

It-Tlieta 7 u l-Ġimgħa 10 ta' Novembru 2017 fil-Parroċċa tagħna għandna l-Assemblea Parrokkjali li hija avveniment importanti fil-ħajja tal-Parroċċa tagħna. Ejjew nieħdu sehem biex bħala familja waħda sabiex napprezzaw is-sabiħ tal-ħidma ta' xulxin u nirriflettu fuq dak li nixtiequ fil-Parroċċa tagħna. Nistednukom għall-quddiesa tas-6:00pm u wara ninżlu fis-Sala Sant'Anna għal ħin ta' kafe' u wara laqgħa bit-tema: "Il-Parroċċa: Familja ta' Familji" (AL 202). Nixtiequ narawkom matul il-jumejn tal-Assemblea Parrokkjali.

**Grupp Anzjani tal-Ispiritwalità**

Il-Ħamis 9 ta' Novembru 2017 ser isir irtir organizzat mill-grupp tal-anzjani tal-ispiritwalità.

**Ikla tal-Milied**

Il-Ġimgħa 15 ta' Diċembru 2017 bħala Parroċċa ser norganizzaw l-ikla tal-Milied. Dettalji aktar tard.

***New Year's Eve Party***

Il-Ħadd 31 ta' Diċembru 2016 wara l-quddiesa tat-8:00pm ser norganizzaw New Year's Eve Party fis-Sala Sant'Anna. Inħeġġukom sabiex iżommu dawn id-dati liberi sabiex tattendu u biljetti jinxtraw mill-Uffiċċju Parrokkjali.

**Kors ta' Kana bi tħejjija għaż-Żwieġ Nisrani**

Fil-Parroċċa tagħna l-Kors ta' Kana ser jibda il-Ġimgħa 12 ta' Jannar 2018. Niltaqgħu nhar ta' Ġimgħa fis-7:30pm fis-Sala Sant'Anna bejn Jannar u Marzu. L-għarajjes interessati għandhom japplikaw billi iċċemplu l-Uffiċċju Parrokkjali (27633703 waqt il-ħinijiet tal-uffiċċju parrokkjali) jew jinkitbu fis-sagristija.

**Pellegrinaġġ għall-Art Imqaddsa**

Il-parroċċa ser torganizza Pellegrinaġġ għall-Art Imqaddsa flimkien mal-parroċċa ta' Ħaż-Żabbar bejn is-26 ta' Jannar 2018 u l-4 ta' Frar 2018. Dettalji tal-programm jinkisbu mis-sagristija. Min jibbukkja sal-1 ta' Novembru 2017 hemm skont kif huwa ndikat fil-programm.

**Fuljett 'Flimkien'**

Wasal il-fuljett *Flimkien* għax-xahar ta' Novembru 2017. Nitolbu lid-distributuri biex jiġbru l-kopji tagħhom mis-sagristija, waqt li nirringrazzjawhom tas-servizz li qed jagħtuna.

**Għadam tal-lewż ta' Novembru**

Mingħand il-voluntiera tagħna tistgħu tixtru l-għadam tal-lewż ta' Novembru minn fuq iz-zuntier.

**Bazaar**

Fis-Sala San Ġwakkin qed jitella' l-Bazaar tal-Parroċċa. Inħeġġiġkom sabiex tagħtu titwila u b'hekk tkunu qed tgħinu lill-Parroċċa.